MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 553/2009

GO p.l.c. C-22334
vs
Cremona Melanie ID-166177M

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Gunju 2009, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €455.65c (erba' mija u hamsa u hamsin euro u hamsa u sittin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma servizzi tat-telephone bin-numru 21413599 kif jirrizulta minn dokumenti annessi markati Dok A u B;

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali mibghuta ai termini tal-Art 166A Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' l-ahhar pagament cioe mis-26 ta' Jannar 2007 kontra l-konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tal-25 ta' Frar 2010, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u kwindi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta €455.65c (erba' mija u hamsa u hamsin euro u hamsa u sittin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-26 ta' Jannar 2007 u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kif mitluba kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------